# L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kontra l-mod kif twaqqaf il-MEUSAC

**Julia Farrugia**
jfarrugia@mediatoday.com.mt

**L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ma taqbilx mal-mod kif il-Gvern waqqaf mill-ġdid il-Kumitat ta' Azzjoni bejn Malta u l-Unjoni Ewropea magħruf bħala l-MEUSAC.**

*Illum* għandha konferma li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali pprotestat ma' l-Awtoritajiet dwar il-fatt li l-Gvern qabad u ddeċieda li lill-Assoċjazzjoni ma jinvolvihiex fil-core group tal-Kumitat ta' Azzjoni bejn Malta u l-Unjoni Ewropea. Fl-aħħar tax-xahar l-Assoċjazzjoni kienet infurmata li se tkun involuta biss f'wieħed mis-sottokumitati tal-MEUSAC.

Qabel is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea l-MEUSAC kien il-qafas ta' konsultazzjoni bejn il-Gvern, is-soċjetà ċivili, l-imsieħba soċjali u l-partiti politiċi.

Wara d-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea l-MEUSAC kien iżżarma iżda issa reġa' twaqqaf mill-ġdid u nhar il-Ħamis iltaqa' għall-ewwel darba.

Ikkuntattjat minn din il-gazzetta Jimmy Magro, Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, ikkonferma r-rabja tal-Assoċjazzoni.

"Mhux aċċettabbli li l-Gvern ħa din il-pożizzjoni fil-konfront tal-Kunsilli Lokali," saħaq Magro.

"Hu fl-interess taċ-ċittadin li kull Kunsill Lokali jkun rappreżentat mill-Assoċjazzjoni fil-Core Group u mhux f'sempliċi kumitat wieħed. Dan għaliex fil-MEUSEC jittieħdu deċiżjonijiet dwar proġetti kbar tal-Unjoni Ewropea li jolqtu direttament lill-lokalitajiet," spjega Magro.

Numru ta' sindki li tkellmu magħna sostnew li l-attitudni tal-Gvern hi nkwetanti aktar u aktar meta fuq quddiem nett fit-twaqqif mill-ġdid tal-MEUSAC hemm involut l-eks sindku Nazzjonalista Chris Said li issa hu s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-kumitat.

"Konna nippretendu li Chris Said, għad għandu għal qalbu l-'kawża' u l-kontribut tal-Kunsilli Lokali fis-soċjetà," saħaq sindku Nazzjonalista fin-naħa t'isfel ta' Malta.

"Din mhix kwistjoni politika. Il-maġġoranza tas-sindki ta' Malta u Għawdex żgur Tal-istess fehma Claudette Abela Baldacchino Viċi President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

"Il-Gvern kellu d-dmir li jara li l-Kunsilli jkunu proattivi billi jkunu preżenti fil-core group mhux biss f'sotto kumitat," sostniet Abela Baldacchino li fi ħdan l-Assoċjazzjoni hi responsabbli wkoll mill-qasam nazzjonali.

"Din hi xi ħaġa serja li qed tikxef ċerti attitudnijiet min-naħa tal-Gvern. Mhix l-ewwel darba li l-Assoċjazzjoni tħalliet barra minn livelli ta' deċiżjonijiet importanti. L-istess storja rrepetiet ruħha fil-Kunsill għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, l-MCESD. Anki hawn, il-Gvern għażel li jħalli lill-Assoċjazzjoni 'l bogħod mill-qafas tad-deċiżjonijiet."

## Ħeġġeġ biex tinkiser il-Liġi

### Is-Segretarju tal-FKNK immultat mill-Qorti

**Is-Segretarju Ġenerali tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti Lino Farrugia din il-ġimgħa kien immultat €349.40 talli f'Novembru tal-2006 fixkel lill-pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom meta dawn riedu jwaqqfu lil persuna oħra li kien qed jonsob illegalment.**



Lino Farrugia

Il-Qorti tal-Appell biddlet id-deċiżjoni tal-ewwel qorti u sabet lil Farrugia ħati talli fis-26 ta' Novembru dan ħeġġeġ u għen lil Paul Grech jikser l-ordni tal-pulizija biex dan tal-aħħar jieqaf jonsob illegalment.

Ilkaż kien seħħ l-Għadira ta' San Rafflu fl-inħawi tal-Kerċem u l-gazzetta Illum kienet irrappurtatu fl-10 ta' Diċembru.

Farrugia mar fuq is-sit fil-kapaċita tiegħu ta' uffiċjal tal-FKNK u dam sagħtejn fuq il-post fejn Grech kien qed jonsob illegalment.

Skont il-qorti Farrugia ordna lil Grech biex ma jżarmax il-mansab illegali, apparti attitudni xejn tajba fil-konfront tal-pulizija.

Grech kien immultat €931.74 mill-Qorti tal-Appell.

## Villa Madama maqbuda mill-bank

**Is-sala tat-tiġijiet Villa Madama f'Ħal Balzan u l-ġonna tagħha se jinbiegħu b'irkant għall-valur ta' €885,161 wara li l-post inqabad mill-Bank HSBC.**

Id-digriet tal-Qorti ngħata fil-15 ta' Mejju 2006 u l-irkant se jsir fis-16 ta' Ottubru bejn id-9am u l-12pm fil-kuriduri tal-Qorti.

L-applikazzjoni biex jinqabad il-post saret mill-HSBC kontra l-kumpanija Venues Co. Ltd.

N A O
National Audit Office
MALTA

**Filling of Vacancies in the Senior Auditor Grade in Performance Audits**

The National Audit Office is seeking to recruit the services of dynamic and highly motivated individuals for the filling of vacancies in the Senior Auditor Grade.

**Senior Auditor.**
In this position, the Senior Auditor undertakes specific audit assignments as a member of the performance audit team. He/she is expected to conduct his/her duties with minimum supervision and within the framework of applicable laws, regulations and NAO policies and directives. The Senior Auditor also assists in drawing up of the Audit Plan and audit programmes. He/she also prepares drafts for the annual and other audit reports. He/she may also be required to make oral presentations expressing opinions and recommendations on the adequacy and effectiveness of systems and the efficiency with which government activities are carried out.

Applicants wishing to apply for the post of Senior Auditor must be in possession of a Bachelors degree or equivalent in a relevant area including but not limited to Business Studies, Public Administration, Economics, Engineering, Statistics or Accountancy.

Applicants must be able to communicate verbally and in writing in the Maltese and English languages. Computer literacy is a must.

An attractive remuneration package is on offer.

Applications together with a detailed C.V. are to be addressed:

Manager, Finance & Administration, National Audit Office, Notre Dame Ravelin, Floriana VLT 2000 by not later than **Friday, 12th September 2008.**

**All applications will be treated in strict confidence.**

